MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 173/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Salvatore Falzon u Fabio Falzon**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti, prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tmien mija u hamsa u sittin Lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM2,865.441) ammont rapprezentanti hlasijiet effettwati mill-istess socjeta' attrici ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur**

**Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet Nazzareno Ellul Bonici vs Fabio Falzon (Avviz Nru. 283/02/ AJD) u Emanuel Dimech vs Fabio Falzon (Avviz Nru. 284/02/AJD), decizi fit-8 ta' Novembru tas-sena 2002, li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Dicembru tas-sena 2001, gewwa Triq in-Naxxar B'Kara bejn il-vettura misjuqa minn Fabio Falzon u assikurata f'isem Salvatore Falzon, bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 667 u l-vettura proprjeta' ta' l-imsemmi Nazzareno Ellul Bonici bin-numru ta' registrazzjoni REB 323 u wkoll il-vettura proprjeta' ta' l-imsemmi Emanuel Dimech bin-numru ta' registrazzjoni KAR 841 rispettivament, u dan wara illi huma naqsu milli jinfurmaw lis-socjeta' attrici dwar l-incident u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kienu obbligati illi jaghmlu ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, b'dan illi l-istess polza ghandha tigi annullata skond il-Ligi.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-12 ta' Gunju tas-sena 2003 meta gew npprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------